MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2005

Numru 99999/9999

Il- Pulizija
(Supretendent Neville Xuereb)

-vs-

El Shourbagy Mamdouh Taha Metwaly

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi El Shourbagy Maetwaly ta' nazzjonalita Egizzjana miwieled l- Egittu fl- 1 ta' Dicembru 1958 u residenti, 34, Flt 4, Triq l- Irlandizi, Bormla. (ID Nru. 17792A)

Akkuzat talli f' dawn l- ahhar erba' xhur f' diversi postijiet f' Malta fosthom Bormla b' mezzi kontra il- ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel li titwemmen esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti

mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama' jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' $10,000 dollar bi hsara ta' haddiehor u dana bi ksur ta' l- Artikolu 308 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat in- nota ta' l- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzat ma oggezzjonax li l- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il- Qorti.

Rat li l- avukat generali qed jakkuzah bir- reat kontemplat fl- artikolu 308 tal- Kodici Kriminali li l- piena ghalih hi kif stabbilita mill- artikolu 310 ta' l- istess Kodici Kriminali (skond il- ligi kif kienet)

Semghet ix- xhieda bil- gurament.

Rat l- atti u d- dokumenti kollha.

Rat in- noti ta' sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat,

1. L- art. 308 jghid li:
"Kull min, b' mezzi kontra l- ligi, jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l- ezistenza ta' impjiegi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il- piena ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena"

L- art. 310 jelenka l- piena skond il- hsara.

2. L- art 308 gie mfisser fid- dettal fis- sentenza moghotija mill- Onorabbli Qorti ta' l- Appell in re "Ir- Reppublika ta' Malta vs Glenn sive John Debattista" (08/03/1995). Is- sentenza tfisser kif tnissel dan l- artikolu, taghmel refernza ghal sentenzi tal- qorti taghna u tghaqqad il- provi li kellha quddiemha mal- kliema tal- ligi.

3. Biex ikun hemm ir- reat ta’ truffa hu mehtieg li l- manuvri jew l- agiri jkunu ta’ natura li jimpressjonaw bniedem ta’ prudenza u saqacja ordinarja, li jkunu frawdolenti u li hu mehtieg li jkunu mhaddma biex jipperswadu bl- ezistenza ta’ fatti li jaqajjmu s- sentimenti ohra msemmija mill- ligi. Mhux bizzejjed il- kliem imma jrid ikun hemm apparat estern li jsahhah il- kliem stess fil- menti tal- iffrodat. Hemm bzonn li tirrizulat materjalita’ specifika li sservi ta’ substrata ghall- verosomiljanza tal- falzita, prospettata bhala vera, u hekk bhala mezz ta’ qerq. Ma huwiex bizzejjed ghall- finijiet ta’ dak l- artiklu, affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l- uzu ta’ apparat estern li jirivesit bi kredibilita’ l- affermazzjonijiet menzonjeri tal- frodatur. Il- ligi taghti protezzjoni specjali kontra l- ingann li jkun jirrivesti dik il- formalita tifipika, kwazi teatrali, li tissupera il- kawtela ordinarja kontra is- semplici kliem u luzingi, u li taghti lil dawn, l- estorjorita ta’ verita’ kif tirrendi l- ideja, l- espressjoni migbura b’mod ghaqli fil- ligi Franciza “mise en scene”.

4. Ghalhekk huwa assodat fil- gurisprudenza taghhna illi biex ikun hemm ir- reat tat- truffa, ghal dawk li huma artificji, ma hix bizzejjed is- semplici gidba. Irid ikun hemm dil il- “magna collidibus ad decipiendum aliquam addibita” irid ikun hemm dik l- impostura li tikkostringi lil dak li jkun li jemmen, li tnehhi kull suspett u li tipperalizza d- diligenza tal- iffrodat u tissorprendilu il- buona fede tieghu.

5. Kwantu jirrigwarda l- element tad- dolo dak li hu mehtieg li jigi pruvat huma s- segwenti: fl- ewwel lok irid ikun hemm l- interzjoni tal- frodatur li jipprokura b’ ingann il- konsenja ta’ flus jew oggetti bi profitt ingust tieghu; fit- tieni hemm bzonn ukoll li jigi ppruvat illi s- suggett attiv tar- reat fil- mument tal- konsumazzjoni tar- reat ikun konxju tal- ingustizzja tal- profitt u b’ dan il- mod il- legittimita’ produttiva tal- profitt hija bizzjejed biex teskludi d- dolo.

6.
(i) Jirriuzlta li fis- 16 ta’ Ottubru 1998 Ahmed Ismael Abudella Ali iben Abdalla, cittadin Egizzjan wasal

Malta fis- 16 ta’ Ottubru 1998 bil- vapur. (‘l quddiem Ismael)

(ii) Fit- 23 ta’ Ottubru 1998 Abdelaziz Rabie Farag Alba iben Farag, cittadin Egizzjan wasal Malta bil- vapur mill- Libja. (‘l quddiem Farag)

(iii) Fit- 3 ta’ Novembru 1998 Rezk Omar Mahmoud Saleh ibed Mahmoud, cittadin Egizzjan gie Malta mill- Libja. (‘l quddiem Rezk)

(iv) Fl- ahharnett Abd El Aal Ahmed Abdel Taurob Mohammed iben Abel Tourab gie Malta fit- 8 ta’ Novembru 1998 bil- vapur. (‘l quddiem Tourab)

(v) Dawna huma ix- xhieda principali f’ dawn il- proceduri gew Malta bhala turisti u baqghu f’ Malta illegalment.

(vi) Ismael, Farag, Rezk u Tourab saru jafu lill- akkuzat permezz ta’ ohtu li toqghod Sharka. L- akkuzat meta waslu Malta mar bil- karozza ghalihom u hadhom f’ dar.

(vii) Minn b’ mod jew b’ iehor kellu jgharaf lill- akkuzat kif jasal.

(viii) Fit- 30 ta’ Jannar 1999 Pulizija li kienu ghaddejjin bil- vettura tas- servizz minn gewwa Triq Wigi Rosato u Triq San Dwardu gewwa Bormla raw persuna tagixxi b’ mod suspettuz u tidhol tistahba gewwa fond li jinsab bejn iz- zewg toroq imsemmija. Dan il- fond huwa propjeta’ ta’ Francis Scicluna li kera l- post, kerrej wara l- iehor. Foad, Massoud. Jinghad izjed il- quddiem. L- erba’ persuni fuq imsemmija gew migbura mill- pulizija u nzammu Malta sakemm saru dawn il- proceduri illi fihom xehedu fit- tul.

(ix) Il- Hadd 31 ta’ Jannar 1999 il- persuni fuq imsemmija tressqu l- Qorti u skond is- Supretendent Neville Xuereb

"Matul din is- seduta gejt infurmat mill- Avukat Dr. Leo Bencini li kien qieghed jidher bhala avukat taghhom kif ukoll interpretu li ….. kienu qedin jallegaw illi kienu hallsu xi elfejn u hames mitt dollaru kull wiehed lil certu … Mamdouh u tawni n- numru tal- karozza tieghu LAK 907, li qaluli li kienet Hyundai ta' kulur ahmar. Qaluli ukoll illi kien juza Telecell bin- numru 09422903." (fol54)

(x) Il- pulizija stharrget u sabet li l- karozza kienet tghajjat… lil certu John Tabone ta' Bjorn Garage, Guzi Ellul Mercer Street, l- Imsida. Tabone qal li l- karozza kienet mikrija ghand certu Al Sharif Bugi li kien joqghod fi blokk 34, Fl 4, Triq l- Irlandizi, Bormla. L- akkuzat joqghod hemm ukoll. (Fl- istqarrija tieghu l- akkuzat qal li l- karozza kieent f' idjeh u gieli sellifa lil siehbu Jimmi Gamal Feud Agid) Il- pulizija marret ghal- Sharif, sabet lil Maria Elena Seraq li fit- tieni zwieg hadet lill- akkuzat) li qaltilhom li kienet ilha ma tara lir- 'ragel' taghha ghax xi tlett snin u kienu infirdu. Ma rieditx li l- pulizija jidhlu. Dawn meta habtu kienu semghu ilhna ta' ragel. Gabu mara pulizija u ma nstab ebda ragel. Il- pulizija arrestat ragel fuq taghrif moghti li kien l- akkuzat li ametta dak li inghad fuq il- karozza u fuq it- telecell. Il- bqija cahad kollox. Ma kienx gewwa meta gew l- ewwel darba ghax kien fuq il- bejt jirranga l- aerial tat- television u kellu jinzel f' bitha ta' haddiehor ghax waqghalu l- qattus.

(xi) Il- passaporti instabu fid- dar fejn kienu l- Egizzjani. Il- pulizija messa mxiet ahjar fit- tfittiex fil- fond ghalkemm jinghad ukoll li giet fuqha hidma li kellha ssir malajr biex jigi migbur kulhadd u hadd ma jissokta fil- harba. L- akkuzati jghidu li fl- ahhar l- akkuzat kien taghhom il- passaport. L- ufficjal prosekutur isemmi li l- passaporti 'kienu go Bormla'.

(xii) Dwar il- passaport ta' Farag id- difiza ssemmi zewg dati <u>26 ta' Settembru 1998 / 22 ta' Ottubru 1998</u>. Izda fil- passaport (fol 211) hemm timbru bid- data tal- 11 ta' Ottubru 1998 li juri li dan ix- xhud qed jghid is- sewwa, meta jistqarr "fil- bidu ta' Ottubru, xi l- ghaxra (10) ta' Ottubru, xi haga hekk." L- avukat sejjes l- argument tieghu fuq ix- xhieda moghtija mill- akkuzat.

(xiii) Hu car li l- propjetarju tal- fond fejn instabu l-Egizzjani irid jehles ‘mir- responsabilita’ ” u jikkontradixxi lilu nnifsu.

(xiv) Ix- xhud Masoud Khaled Abdel Raham Aly li jsemmi l- hili difensur jghid li telaq mill- flat f’ Bormal fl- 1 ta’ Novembru 1998 u biddel il- karta ta’ l- identita l-gimgha ta’ qabel is- seduta tat- 18 ta’ Frar 1999. Fuq talba tal- prosekuzzjoni esebxxa ftehim ta’ kiri bid- data tas- <u>16 ta’ Ottubru 1998</u> fejn kera fond f’ San Giljan. Dan jghid li Bormla kien jghix wahdu imma gieli kienu jigi jarawh xi hbieb. Id- data tal- ftehim hija <u>l- istess</u> bhall dik li wasal Malta x- xhud Ismael u mar joqghod Bormla. Id- difiza sahqed hafna fuq il- kredibilita ta’ dan ix- xhud.

(xv) Il- Qorti tistrieh fuq ix- xhieda ta’ l- erba’ Egizzjani fuq imsemmija. Dawn telqu minn pajjizhom bil- hsieb li l-akkuzat igibilhom visa ghall- Ewropa. Iltaqghu ma l-akkuzat, wiehed kull darba, wara li nizlu mill- vapur mil-Libja u kellhom kif jgharfu lill- akkuzat. Dan hadhom b’ karozza li kienet fil- pusses tieghu go flat li kien ghad-dispozizzjoni tieghu. hadilhom il- passaport. Gieli kien imur jarhom. Hallsuh kull wiehed somma li ghalihom kienet kbira. Ma kienetx kwistjoni biss ta’ kliem, ix- xhieda qaghdu jigu Malta ghax emmnu lill- akkuzat, kienu perswazi li dan kellu l- hila li jgib il- viza b’ xi mod. F’ dan il- kaz saret messa in xena mill- bidu sa l- ahhar esegwita b’ mod professjonali minn bniedem li jaf l- affarjiet tieghu u fl- ahjar tradizzjoni tat- truffa.

Il- Qorti ghalhekk issib lil akkuzat hati tar- reati taht l- art. 308 tal- Kodici Kriminali.

Rat l- art 308, 310 u l- art 32 tal- Kodici Kriminali.

Rat ukoll l- art 28A tal- Kap 9 li ser tapplika stante il- kondotta nadifa ta’ l- akkuzat.

Tikkundanna lill- akkuzat sentejn prigonerija liema sentenza ma ghandiex tidhol fis- sehh hlief jekk il- hati

jikkometti reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fi zmien erba’ snin m’ illum.

Il- Qorti qed tispjega lill- hati fi kliem car ir-responsabilita’ tieghu taht l- artikolu 28B jekk huwa jikkometti reat matul il- perijodu operattiv. Reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------